# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 6 ta' Diċembru 2022**

**Appell numru 851/2015**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Neil FALZON**

**Il-Qorti rat is-segwenti :**

1. Din hija sentenza preliminari dwar il-preġudizzjali tan-nullita tas-sentenza appellata sollevata mill-appellant ibbażati fuq in-nuqqas ta' osservanza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għar-rigward tal-formalitajiet preskritti fl-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali.

2. L-appellant jgħid li s-sentenza hija nulla peress li l-artikoli tal-Liġi li jikkontemplaw ir-reati li tagħhom l-appellant ġie misjub ħati, kienu mniżżla mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'mod ġeneriku mingħajr referenza preċiża għas-subinċiż applikabbli għall-każ in diżamina. B'mod partikolari jgħid li f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kinitx legalment korretta meta sabet lill-appellant ħati għal ksur tal-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali mingħajr ma indikat liema mill-perikoli ravviżati fid-diversi subinċiżi tal-istess kienu applikabbli għall-każ in kwistjoni b'mod partikolari għaliex f'dan il-każ kienu ġew imputati offiżi differenti f'ċirkostanzi ta' gravita' differenti.

3. Illi t-tieni istanza ta’ nullita’ sollevata mill-appellant kienet titratta l-fatt li fil-parti operativa tas-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat indikazzjoni tal-artikoli tal-Liġi li tagħhom instabet ħtija fl-appellant flimkien ma’ dawk li tagħhom hija ma sabitx ħtija fih. Dan kien meqjus riflessiv tal-mod konfużjonali ta’ kif il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet din is-sentenza meta semmiet kemm l-artikoli tal-Liġi li tagħhom sabet ħtija u ċjoe’ l-Artikoli 214 u 216 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll inkludiet l-Artikolu 338(dd) tal-istess Kodiċi minkejja dan tal-aħħar kien jifforma l-bażi tat-tielet imputazzjoni li minnha l-appellant ġie lliberat.

**Ikkunsidrat**

**A. Analiżi tal-ewwel preġudizzjali tan-nullita’ – artikoli tal-liġi mniżżla ġenerikament mingħajr indikazzjoni tas-subinċiżi li taħthom instabet ħtija.**

4. Il-ġurisprudenza tgħallem li mhux kull irregolarita’ jew impreċiżjoni li jista’ jkun hemm fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati twassal għan-nullita’ tagħha. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Russell Bugeja** deċiż nhar it-3 ta’ Marzu 2008 intqal:

> Kif inhu risaput, l-eċċezzjoni tan-nullita’ ta’ att fil-kamp tal-proċedura penali hija, bħala regola ġenerali, ammissibbli biss fejn il-leġislatur jikkominaha, anke jekk indirettament, f’forma ta’ terminu jew ta’ ħtieġa formali oħra li min-natura tagħha stess ikun evidenti li hija essenzjali – eż. l-Arikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali abbinat mat-tieni parti tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428; jekk id-dikjarazzjoni maħlufa għall-finijiet tal-Artikolu 422(1) tal-Kap. 9 – fejn il-leġislatur espressament isemmi n-nullita’ jew sanzjoni oħra analoga – eż l-Artikolu 419(1) jew 597(4) tal-Kap. 9. Mill-bqija u salv ċirkostanza eċċezzjonali, għandhom jipprevalu l-massimi interpretatio fienda est ut res magis valeat quam pereat u benedicta est exposito quando res redimitur a destructione.

5. L-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jistabbilixxi r-rekwiżiti ta’ sentenza valida u in linea mal-insenjament f’**Bugeja**, in-nuqqas ta’ osservanza ta’ wieħed jew iktar mir-rekwiżiti hemmhekk imsemmija jwassal għal nuqqas ta’ ħtieġa formali essenzjali li timpinġi fuq is-sentenza u l-validita’ tagħha. F’diversi appelli kriminali fosthom: **Il-Pulizija vs. Joseph Muscat,**[1] **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield,**[2] **Il-Pulizija vs.**

---

[1] Qorti tal-Appell Kriminali (10.6.1994)
[2] Qorti tal-Appell Kriminali (27.4.06)

**Nutar Peter sive Pierre Falzon,**[3] **Il-Pulizija vs. Carmel Attard,**[4] **Il-Pulizija vs. Robert Farrugia,**[5] **Il-Pulizija vs. Philip Zahra,**[6] **Il-Pulizija vs. Francis Mallia,**[7] **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra,**[8] **u Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia,**[9] jingħad kif l-elementi msemmija fl-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali huma meqjusa ad validitatem u jridu jiġu osservati skrupolożament. Din l-iskrupolożita fl-osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti mhix sempliċi formaliżmu iżda hija bbażata fuq il-ħtieġa li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tkun ċara u ma toħloq l-ebda inċertezza f'moħħ l-imputat għal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu.

6. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati jridu jkunu eżenti minn kull forma ta' żball jew ineżattezza, anke jekk tkun relattivament żgħira jew minuri. Spiss jiġri li s-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati jkun fihom ineżattezzi li pero mhux neċessarjament iwaslu għan-nullita tas-sentenza. Huma dawk l-ineżattezzi li jissarfu fl-inosservanza ta' dawk l-elementi kontemplati fl-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali li jwaslu għan-nullita tas-sentenza. U anke hawn, l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jrid jiġi interpretat fuq naħa b'mod rigoruż, in kwantu jolqot aspetti li jolqtu s-sustanza tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, iżda jrid jiġi interpretat b'mod strett fuq in-naħa l-oħra in kwantu kemm jista' jkun trid tiġi mħarsa l-preżunzjoni tal-validita u l-integrita tas-sentenza li tkun ġiet emanata. B'hekk dawn ir-rekwiżiti essenzjali jridu jiġu mħarsa iżda interpretati b'mod strett.

7. Wieħed mir-rekwiżiti essenzjali għall-validita tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati huwa li din irid ikun fiha bilfors ir-referenza għall-artikolu tal-Liġi li jikkontempla r-reat meta din is-sentenza tkun qegħda tingħata "kontra l-imputat". B'din l-espressjoni din il-Qorti tifhem li dan ir-rekwiżit huwa meħtieġ ad validitatem meta l-Qorti tal-Maġistrati ssib lill-imputat ħati tar-reat li jkun ġie mixli bih. Jikkonsegwi illi jekk, f'sentenza kundannatorja, l-Qorti tal-Maġistrati tonqos issemmi l-artikolu tal-Liġi li jikkontempla r-reat, allura dik is-sentenza tkun nulla. Issa b'dan kollu din il-Qorti tifhem li meta l-Liġi teħtieġ li jiġi msemmi dak l-artikolu li jikkontempla r-reat, hija tfisser li l-Qorti tal-Maġistrati trid tkun preċiża fl-indikazzjoni tal-artikolu tal-Liġi li jikkontempla r-reat. Dan ikun allura jeħtieġ eżerċizzju dwar l-

[3] Qorti tal-Appell Kriminali (17.1.2019)
[4] Qorti tal-Appell Kriminali (6.6.2007)
[5] Qorti tal-Appell Kriminali (19.11.2015)
[6] Qorti tal-Appell Kriminali (28.9.2017)
[7] Qorti tal-Appell Kriminali (25.2.1965)
[8] Qorti tal-Appell Kriminali (26.5.1994
[9] Qorti tal-Appell Kriminali (28.5.1987)

artikolu partikolari li jkun jikkontempla r-reat. Fil-Liġi Maltija, inkluż il-Kodiċi Kriminali, huma maġġoritarji dawk l-istanzi fejn artikolu waħdieni tal-Liġi joħloq kemm ir-reat kif ukoll il-piena applikabbli għalih. Iżda dan il-mudell mhux uniku. Jeżistu diversi permutazzjonijiet oħra, bħal fejn artikolu tal-Liġi joħloq ir-reat u l-piena tkun preskritta f'artikolu ieħor; jew fejn artikolu wieħed joħloq ipoteżi ta' reati differenti f'diversi sub-artikoli taħtu. Hemm imbagħad sitwazzjonijiet fejn artikolu tal-Liġi joħloq ir-reat, imbagħad artikoli suċċessivi jippreskrivu modalitajiet differenti kif jitwettaq dak ir-reat, jew inkella ipoteżijiet differenti tiegħu, kwalifiki jew aggravanti tiegħu. Oħrajn jipprovdu klassifikazzjoni differenti tiegħu f'artikolu jew sub-artikoli suċċessivi. B'hekk dan l-eżerċizzju msemmi mill-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jrid isir każ b'każ fejn il-Qorti trid tistħarreġ l-artikolu tal-Liġi speċifiku biex tkun tista' tara jekk ikun dak l-artikolu li jikkontempla r-reat.

8. F'dan il-każ fil-parti operativa tas-sentenza tagħha il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet referenza għall-Artikolu 214 tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali; iżda ma semmietx ukoll liema subinċiż taħt l-Artikolu 216 kien applikabbli għall-dan il-każ. B'hekk fil-parti disposittiva tagħha s-sentenza tindika r-reat li tiegħu l-appellant ġie misjub ħati – u dan joħroġ mill-inklużjoni tal-artikolu 214 tal-Kodiċi Kriminali li huwa l-artikolu li jikkontempla r-reat t'offiża fuq il-persuna. L-artikolu 215 joħloq il-klassifikazzjonijiet differenti ta' dan ir-reat fis-sens li jista jkun ta' natura ħafifa jew ta' natura gravi. Is-sentenza ma tindikax din il-klassifikazzjoni b'mod espliċitu in kwantu ma ssemmix l-artikolu 215 tal-Kodiċi Kriminali fil-parti disposittiva. Iżda mbagħad tagħti indikazzjoni li skont l-analiżi tagħha f'dan il-każ, ir-reat ta' offiża fuq il-persuna ġie integrat fil-forma msemmija fl-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali, iġifieri qiesitu ta' natura gravi. L-inklużjoni tal-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali fid-dispositiv allura turi li l-Qorti sabet lill-appellant ħati tar-reat t'offiża fuq il-persuna fis-sensi tal-artikolu 214, li huwa wkoll ta' natura gravi fis-sensi tal-artikolu 216, li jippreskrivi wkoll il-parametri tal-piena applikabbli għal sejbien ta' ħtija ta' offiża fuq il-persuna ta din in-natura.

9. L-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali (kif ukoll bħall-artikoli 217, 218, 221 tal-istess Kodiċi) mhux l-artikolu tal-Liġi li jikkontempla r-reat, u għalhekk ma jistax jitqies fuq l-istess livell tal-artikolu 214 tal-istess Kodiċi. Fis-subinċiżi differenti tiegħu l-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali ħoloq diversi ipoteżi li jekk javveraw ruħhom jitqiesu li jaqgħu fit-tifsira tar-reat t'offiża ta' natura gravi bażati fuq modalitajiet

partikolari kif titwettaq l-offiża jew lejn min tkun indirizzata u/jew konsegwenzi speċifiċi riżultanti fuq is-saħħa fiżika jew mentali tal-vitma konsegwenti tali offiża.  Iżda kwalunkwe ipoteżi minnhom li tirriżulta mill-provi riżultanti b'mod ċert iġġorr l-istess parametri tal-piena stabbilita f'dak l-artikolu.  Dan jiddistingwi din l-ipoteżi tar-reat t'offiża gravi minn dik imsemmija fl-artikolu 218 jew saħansitra minn dik fl-artikolu 221 tal-Kodiċi Kriminali. B'hekk biex żgur l-imputat ikollu moħħu ċar ta' dak li jkun qiegħed jiġi misjub ħati, huwa meħtieġ ad validitatem li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tinkludi fiha l-artikolu li jikkontempla r-reat b'indikazzjoni tal-artikolu li jikklassifika n-natura ta' dak ir-reat (u allura jekk hux offiża ħafifa taħt l-artikolu 221 jew hux offiża ta' natura gravi, f'xi forma ta' gravita maġġuri (artikolu 218) jew minuri (artikolu 216) tal-Kodiċi Kriminali.  Iżda mhux meħtieġ ad validitatem li jiġu msemmija wkoll is-sub-artikoli li jippreskrivu l-klassifikazzjoni jew ipoteżi ta' gravita tar-reat, dment li l-artikoli speċifiċi li jindikaw in-natura tar-reat ikunu ġew inklużi.

10. Għalhekk, meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iċċitat biss id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 216 mingħajr ma għamlet referenza għas-subartikoli speċifiċi li rriżultaw mill-provi taħt l-imsemmija dispożizzjoni, hija ma tistax tiġi meqjusa li naqset milli ssemmi l-artikolu li jikkontempla r-reat – l-artikolu 214 tal-Kodiċi Kriminali - u l-anqas naqset milli ssemmi l-artikolu li jippreskrivi l-klassifikazzjoni ta' dak ir-reat li rriżultalha mill-provi, iġifieri l-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali.  Naturalment iżjed ma tkun komprensiva u preċiża fl-indikazzjoni tal-Liġi, aktar ikun aħjar għall-fini tal-kjarezza tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.  Iżda dik l-omissjoni tas-subartikoli tal-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali f'dan il-każ ma jwassalx għan-nullita tas-sentenza appellata in kwantu l-elementi rikjesti mill-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali ġew sodisfatti f'dan il-każ.  Kienet tkun storja oħra kieku dawk is-sub-artikoli kienu jikkontemplaw ir-reat li bih l-imputat ikun ġie misjub ħati. Iżda dan mhux il-każ hawnhekk.

11. Id-Difiża għamlet referenza għall-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deċiż nhar l-1 ta' Settembru 2020.  Għall-fini ta' kjarezza qegħda tiġi riprodotta testwalment il-parti dispożitiva tal-imsemmija sentenza:

> '**Dwar il-piena, wara li rat l-Artikoli 41, 216, 218, 221**[10], 96, 95, 261, 263, 267, 270, 278, 279, 120, 49, 50, 325, 338, u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 15 tal- Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 26 tal-

[10] Enfasi ta' din il-Qorti.

> Kapitolu 66 – illum il-Kapitolu 460 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu ssib htija fil-konfront tal-istess; Rat ukoll l-Artikoli 17, 20, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ikkunsidrat il-gravita' tal-azzjoni tal-imputat, mhux biss is- serq, izda aktar u aktar l-attakk li ghamel fuq ufficjal pubbliku - attakk illi frankament u biss ghax giet tajba li ma spiccax b'konsegwenzi aktar serji. L-impatt negattiv li dan ihalli mhux wiehed negligibbli, u dan jittiehed in konsiderazzjoni meta l-Qorti tahseb fil-piena idonea – ghaldaqstant esposti l-fatti u r-rizultanzi, tqis illi l-piena idonea ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva, u ghaldaqstant tikkundanna lil Generoso Sammut ghal piena karcerarja ta' zmien hames(5) snin. Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lil Generoso Sammut ghall-hlas tal-ispejjez peritali kollha ammontanti ghal tliet elef tminn mija wiehed u tmenin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€3,881.64) Tilliberah ghar-ragunijiet gia' esposti mir-reati kkontemplati fl-Artikoli 334, 250, 252, 115, 12 183, 184, u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.'

12. L-appell **Generoso Sammut** jippreżenta xenarju differenti minn dik ta' dan l-appell. **F'Sammut** il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) filwaqt li għamlet referenza, fost oħrajn, għall-Artikoli 216, 218 u 221 tal-Kodiċi Kriminali, naqset milli tindika l-Artikolu 214 bħala dak l-Artikolu li jikkontempla r-reat. Dan oltre għall-fatt, li f'dan l-appell, ma kienx hemm is-sitwazzjoni misjuba fl-appell **Sammut** fejn f'dak il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellant ħati kemm ta' offiża gravi taħt l-artikolu 216 kif ukoll 218 tal-Kodiċi Kriminali biex b'hekk inħolqot konfużjoni fir-rigward ta' liema klassifikazzjoni tar-reat t'offiża personali l-appellant kien ġie misjub ħati f'dak il-każ. F'dan l-appell ta' Neil FALZON, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ċara li kienet qegħda ssibu ħati fis-sens tal-Arikoli 214 u 216 tal-Kodiċi Kriminali, u b'hekk ma hemm ebda konfużjoni.

1. Apparti minn hekk fil-motivazzjonijiet tagħha dwar is-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) indikat li l-offiża gravi li subixxa l-vittima kienet tat-tip li ġġib il-konsegwenzi ipotizzati mis-subinċiż 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu anki hija stess setgħet tosserva kif fis-seduta tat-2 ta' Marzu tas-sena 2016, il-parte civile kellu ferita fuq il-kappell ta' għajnejh ix-xellugija liema ferita l-Qorti tal-Maġistrati ikklassifikata bħala sfreġju fil-wiċċ. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet anki analiżi ġurisprudenzjali dwar l-isfreġju kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali bħala parti mill-kunsiderazzjonijiet tagħha b'rabta mas-sejbien ta' ħtija għall-ewwel imputazzjoni. Dawn il-motivazzjonijiet jirriflettu ħsieb ċar li kellha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) dwar dak li kienet qegħda ssib ħtija dwaru għalkemm kien ikun iżjed indikat li dik il-Qorti tindika l-istess artikolu b'mod espliċitu

fid-dispositttiv tagħha wkoll. Il-motivazzjonjiet tas-sentenza u d-dispositttiv tas-sentenza jridu jinqraw flimkien u jridu jagħmlu sens billi l-motivazzjonijiet jiġu riflessi fid-dispositttiv tas-sentenza. Skont l-Imħallef William Harding fis-sentenza mogħtija nhar is-27 t'Ottubru 1962 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wiġi Azzopardi**, fil-każ li f'ċerti:

> kontinġenzi d-dispositttiv tas-sentenza jkun talment inxiddibilment marbut mal-motivazzjoni li jekk b'xi mod ikun dubbjuż għandu jieħu sens minnha... u kwindi hu loġiku, di fronti għat-termini ċari tal-paragrafu immedjatament preċedenti għad-dispożittiv, li dan, fid-dubju, jiġi interpretat skont il-motivazzjoni, anke għat-tenur tal-massima "in poenalibus benignius interpretandum est".

13. Illi magħdud dan kollu, din il-Qorti żżid ukoll li n-nuqqas ta' preċiżjoni tas-subinċiż tal-Artikolu 216(1) tal-Kodiċi Kriminali fid-dispositttiv tas-sentenza lanqas ma jirreka preġudizzju għall-fini tal-piena in kwantu l-piena kontemplata għad-diversi ipoteżi msemmija fis-sub-artikoli tal-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali hija waħda u ma toħloqx distinzjoni bejn il-konsegwenzi bejn subinċiż u ieħor. Dan ikun ifisser li l-appellant l-anqas ma setgħa lmenta inċertezza dwar il-piena erogabbli in kwantu l-piena hija l-istess għall-ipoteżijiet kollha msemmija fl-artikolu 216(1) tal-Kodiċi Kriminali.

14. B'hekk din il-Qorti qiegħda tiċħad din l-ewwel preġudizzjali tan-nullita'.

## Ikkunsidrat

### B. Analiżi tat-tieni preġudizzjali tan-nullita' – indikazzjoni ta' dawk l-artikoli tal-liġi li taħthom ma nstabet ebda ħtija.

15. Illi kif diġa' ngħad b'rabta mal-ewwel preġudizzjali tan-nullita hawn fuq eżaminata, dak li l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jeħtieġ huwa inter alia li fil-każ li l-Qorti tal-Maġistrati tagħti sentenza kontra l-imputat, hija trid ukoll tikteb l-artikolu tal-Liġi li jikkontempla r-reat li tiegħu l-imputat ikun qiegħed jiġi misjub ħati. Il-Kodiċi Kriminali ma jsemmix xi jkunu r-rekwiżiti ad validitatem fil-każ fejn il-Qorti tal-Maġistrati tagħti sentenza favur l-imputat.

16. Il-Qorti tal-Maġistrati għandha tassigura armonija u konkordanza fil-ħsieb u fl-esposizzjoni tagħha u li tkun riflessa bejn il-korp tas-sentenza, il-motivazzjonijiet tagħha u l-parti dispożitiva b'mod li, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, l-imputat ikollu ċar quddiem

għajnejh mis-sentenza innifisha ta' liema huwa jkun qiegħed jinstab ħati tagħhom u tal-konsegwenzi li huwa jkun irid iġorr għalihom.

17. Ikun għalhekk isegwi li għandu jkun hemm qbil bejn ir-reat li bih l-imputat ikun ġie mixli u l-artikoli ċċitati mill-Qorti tal-Maġistrati bħala dawk ir-reati li tagħhom huwa jkun instab ħati u li allura jkunu jikkontemplaw ir-reat. Jikkonsegwi li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun immovitat is-sentenza tagħha b'mod tali li mill-istess sentenza jkun jirriżulta kjarament liema huwa dak ir-reat li tiegħu tkun qiegħda ssib lill-imputat ħati ad esklużjoni ta' reati oħrajn li tagħhom huwa ma jkunx qiegħed jinstab ħati, kwalunkwe riferenza għall-artikolu tal-Liġi li tiegħu l-imputat **ma jkunx ġie misjub ħati** tkun sempliċiment superfluwa u ma jkollhiex effett fuq l-integrita' tal-ġudizzju.

18. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma qadetx lura milli titratta kull imputazzjoni għaliha u għamlet ukoll għasdd ta' kunsiderazzjonijiet legali u ġurisprudenzjali fir-rigward ta' kull waħda mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat appellant. Dik il-Qorti kienet ċara wkoll fil-motivazzjonijiet tagħha għar-rigward ta' liema mill-imputazzjonijiet kienu jirriżutaw li ġew ippruvati sal-grad rikjest mil-Liġi u liema minnhom – b'referenza għat-tieni imputazzjoni - hija kienet qiegħda tillibera minnha stante n-nuqqas ta' provi f'dan is-sens.

19. Għaldaqstant ir-referenza fil-parti dispożitiva tas-sentenza għall-imputazzjoni bbażata fuq l-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u fir-rigward ta' liema imputazzjoni l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-kunsiderazzjonijiet tagħha kienet ċara li ma kinitx tirriżulta ppruvata, u fejn fid-decide qalet espliċitament li ma kienetx qegħda ssib ħtija taħtha, ma tistax ħlief titqies riferenza superfluwa, inkonsegwenzjali u li ma tistax toħloq dubju f'moħħ l-appellant dwar sejbien ta' ħtija f'dan is-sens ukoll.

20. L-appellant ma jistax ikollu dubju dwar fejn hija radikata l-ħtija tiegħu f'din is-sentenza. Dik il-ħtija hija distingwibbli u mhix kontradditorja jew konfliġġenti mal-kunsiderazzjonijiet u l-motivazzjonijiet li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet f'dan is-sens. Għalhekk ma jistax jiġi milqugħ l-argument li f'dan il-każ kienu jirriżulta l-estremi tan-nullita' tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) in kwantu tippekka kontra l-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali.

21. Għaldaqstant din it-tieni preġudizzjali tan-nullita tas-sentenza appellata qegħda wkoll tiġi miċħuda.

# DECIDE

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad il-preġudizzjali tan-nullita mressqa mill-appellant u tordna l-prosegwiment tal-kawża.**

**Ft/Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**